# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 7**

**Rikors numru 327/21/1 TA**

**Pierre Debono**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza ser jiġi deċiż l-appell tal-Avukat tal-Istat mis-sentenza tas-16 ta' Settembru 2021 li biha l-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet:

> *"**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** kemm tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll tad-Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.*

***Tilqa' l-ewwel** talba billi tiddikjara illi bis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pierre Debono, tat-13 ta' Novembru 2018, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

***Tilqa' t-tieni talba** billi tħassar dik il-parti tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Pierre Debono, tat-13 ta' Novembru 2018, limitatament għall-piena inflitta peress li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ifisser li l-multa addizzjonali għalhekk għandha tkun ta' tlett elef tlett mija disgħa u sebgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€3,379.12);*

***Tilqa' it-tielet talba** u tillikwida kumpens fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) u **tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont, bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.*

*Spejjes tal-proċeduri kollha a' karigu tal-Avukat tal-Istat.*

*Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tiġi notifikata lill-Ispeaker tal-Kamra kif trid il-liġi".*

2. Il-fatti rilevanti għall-każ ġew spjegati hekk mill-ewwel Qorti:

*"**Punti ta' fatti***

***1.** Mingħajr il-ħtieġa li din il-Qorti tidħol f'dettalji żejda, jirrisulta li r-rikorrent għan-nom tas-Soċjeta' Safe Trading Ltd u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tal-VAT ai fini ta' din it-taxxa fuq il-valur, kiser diversi provvedimenti tal-Att XXIII tal-1998.*

***2.** Permezz ta' Sentenza datat 10 ta' April 2013 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, dik il-Qorti sabet lir-rikorrent ħati ta' imputazzjoni minnhom u kkundannatu għal multa ta' €700 u kif ukoll għal multa addizzjonali ta' għaxar darbiet it-taxxa perikolata ammontanti din il-multa għal €16,895.60. Ir-rikorrent ħassu aggravat minn din is-Sentenza u għalhekk interpona Appell sabiex tilliberah mill-akkużi kollha. L-Appell inkwistjoni ġie deċiż fit-13 ta' Novembru 2018.*

***3.** Fil-mori ta' dan l-Appell u meta dan kien differit diversi drabi għas-Sentenza, inbidlet il-liġi inkwistjoni permezz tal-Att XV tal-2016 li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Marzu 2016. L-emenda hija fis-sens li artikolu 77 tal-liġi ġie emendat b'mod li l-multa addizzjonali tnaqqset drastikament għal €3,379.12. Dan ifisser €13,516 anqas minn dik li r-rikorrent ġie ikkundannat iħallas.*

> ***4.*** *Sitt ijiem wara li ngħatat is-Sentenza tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent għamel rikors fejn ġab dan kollu a' konjizzjoni ta' dik il-Qorti u talabha, fost oħrajn bl-applikazzjoni tal-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-multa addizzjonali tiġi ridotta għal €3,379.12. Dik il-Qorti, wara li rat x'kellu xi jgħid l-Avukat Ġenerali għal din it-talba, b'digriet tat-22 ta' Novembru 2018, qieset li ma għandhiex il-fakulta' li tbiddel deċiżjoni tagħha res judicata. Konsegwentement ċaħdet it-talba".*

3. Fir-rikors li bih l-attur fetaħ il-kawża lmenta li bis-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018 li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ <u>Il-Pulizija v. Pierre Debono</u> (172/2013) kien ġie leż il-jedd fundamentali tiegħu kif protett taħt l-Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan peress li waqt li kien pendenti l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet saret emenda fil-liġi u li bih il-multa addizzjonali imposta fuq mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tnaqqset drastikament. Għalhekk argumenta li kellu jieħu benefiċċju mill-emenda li saret bl-Att XV tal-2016 u dan b'applikazzjoni tal-Art. 27 tal-Kodiċi Kriminali.

4. B'rikors preżentat fis-6 ta' Ottubru 2021 l-Avukat tal-Istat appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kkundannatu jħallas kumpens ta' għaxart elef euro (€10,000) lill-attur. Huwa argumenta li dan m'huwiex każ ta' persuna li nstab ħati ntortament jew li sofra minn xi nġustizzja kbira. Kompla li l-attur kiser il-liġi u nstab ħati b'mod leġittimu minn Qorti u għalhekk m'għandux ikun 'premjat' b'kumpens ta' €10,000.

5. Permezz ta' tweġiba preżentata fid-9 ta' Novembru 2021, l-attur ta r-raġunijiet għalfejn il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-Avukat tal-Istat.

6. Fis-sentenza l-ewwel Qorti ma spjegatx għalfejn illikwidat kumpens ta' €10,000 u wisq inqas x'wassalha biex tistabbilixxi dak l-ammont. Kulma qalet f'dan ir-rigward kien fil-parti dispożittiva tas-sentenza:

> *"Tilqa' t-tielet talba u tillikwida kumpens fl-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas dan l-ammont, bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sentenza sal-pagament effettiv"*.

7. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ngħatat fit-13 ta' Novembru 2018 u biha kien miċħud l-appell tal-attur u konfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' April 2013. Mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali jirriżulta li l-aggravju tal-attur kien li ma saritx il-prova li kien ħati li fit-28 ta' Frar 2011 kien naqas milli jagħti riċevuta fiskali konformi mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406). Fl-appell l-attur kien qiegħed isostni li ma tax servizz u lanqas biegħ oġġetti, u allura ma seħħ l-ebda fatt li hu taxxabbli skont il-Kap. 406. Ma jirriżultax li kien hemm aggravju *ad hoc* fuq il-piena. Mis-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat il-meritu tal-każ u waslet għall-konklużjoni li l-attur kien qiegħed jagħti servizz lil ċertu Bonavia, u dan versu ħlas li kien isir permezz ta' ċekkijiet li l-attur kien jiddepożita l-Bank fil-kont bankarju tal-kumpanija tiegħu (Safe Trading Limited).

8. Pero` kien biss fl-14 ta' Mejju 2021 li l-attur ippreżenta l-kawża fejn ilmenta minn ksur tal-jedd fundamentali. Hu veru li fid-19 ta' Novembru 2018 l-attur kien ippreżenta rikors u talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex bażikament tvarja s-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018. Fit-tweġiba li ppreżenta l-Avukat Ġenerali fil-21 ta' Novembru 2018 għal dak ir-rikors, irrikonoxxa li l-multa addizzjonali ma kellhiex tkun €16,895.60 tant hu hekk li qal:

> *"Illi stante illi skont l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XV tal-2016 li emendaw l-Artikolu 77 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud illi jikkonfermaw dak allegat fir-rikors odjern u ċioe li l-multa applikata għandha tammonta daqs darbtejn it-taxxa perikolata, l-esponent f'dan l-istadju, <u>umilment jissuġġerixxi rimedji alternattivi għal tali talba hekk kif dedotta</u>".*

9. Ovvjament f'dak l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali ma setgħetx tibdel is-sentenza għaliex kienet ġudikat.

10. Dan kien każ fejn inbidlet il-liġi fil-mori tal-appell tal-proċess kriminali meta l-każ kien differit għas-sentenza, b'mod li l-multa addizzjonali ma baqgħetx għaxar darbiet it-taxxa perikolata. Bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-attur ġie kkundannat iħallas multa addizzjonali fl-ammont ta' €16,895.60 filwaqt li skont l-ewwel Qorti bl-emenda li saret bl-Att XV tal-2016, il-multa addizzjonali kellha tkun ta' €3,379.12. M'hemmx kontestazzjoni dwar dan.

11. Għalkemm huwa minnu li l-Qorti kellha tapplika l-liġi kif seħħ aktar favorevoli għall-akkużat, indipendentement min-nuqqas tiegħu li jgħarrafha b'da (għax wara kollox *iura ovit curia*), madankollu r-rimedju tat-tnaqqis tal-multa skont il-liġi u l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża kostituzzjonali sal-ewwel grad huwa rimedju biżżejjed. L-ewwel Qorti ħassret dik il-parti tas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru 2018 billi ordnat li minflok il-multa addizzjonali li kellu jħallas l-attur kienet €3,379.12. Dan ma kienx każ fejn l-ewwel Qorti tat biss dikjarazzjoni ta' ksur tal-jedd fundamentali u waqfet hemm.

12. Saħansitra mill-provi jirriżulta li l-attur ħallas biss is-somma ta' €4,079.12 li ddikjara li hi l-parti tal-multa li mhuwiex jikkontesta. Kien biss fis-26 ta' April 2021 li għamel dak il-ħlas filwaqt li s-sentenza ngħatat fit-13 ta' Novembru 2018. Fatt li juri li l-attur ħa ż-żmien kollu li deherlu jieħu (iktar minn sentejn u nofs) qabel ħallas il-parti tal-multa li ma kienx qiegħed jikkontesta. Fih innifsu dan juru li ma kienx hemm periklu mminenti li jekk ma jħallasx il-multa ser jispiċċa l-ħabs, tant li m'hemmx prova li l-awtoritajiet ħadu xi passi kontrih sabiex jiskonta l-piena f'ħabs għaliex ma ħallasx il-multa.

13. Għalkemm l-attur qal li l-leżjoni ħallietu *"... f'limbu legali dwar il-futur tiegħu u ta' familtu, bil-mannara tal-ħabs (jekk ma jasalx li jħallas il-multa) imdendla fuq għonqu għal xejn b'xejn – għal tliet snin"*, f'dan il-każ

m'hemmx prova li l-attur ma kienx f'pożizzjoni finanzjarja li jħallas il-multa u jikkontestaha wara. Dan apparti li kif diġa` ssemma meta kien għadu pendenti l-appell kieku ried kellu ż-żmien kollu li jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li l-liġi[1] kienet ġiet emendata b'tali mod li l-multa addizzjonali kienet tnaqqset konsiderevolment. Ma jirriżultax li għamel hekk u għalhekk f'dak ir-rigward naqas ukoll.

14. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li somma ta' €10,000 bħala kumpens, evidentement non-pekunjarju, m'hijiex ġustifikata.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Settembru 2021 billi tħassar dik il-parti li kkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas kumpens ta' għaxart elef ewro (€10,000) lill-attur, u minflok tiċħad it-tielet talba tar-rikors promotur li bih l-attur fetaħ din il-kawża.

Spejjeż tal-appell a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[1] L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406).